# IL-PERSUNALITA' POETIKA TA' DUN KARM

silta minn studju ta' OLIVER FRIGGIERI

Bħala bniedem, huwa għex ħajja kwieta, waħdu, mingħajr it-tweġħir magħruf li nsibu fil-ħajja ta' bosta artisti. Bħala poeta, madankollu kien xorta oħra.

L-aqwa dehra ta' Dun Karm għad trid tidher fih bħala l-poeta ħieles fi żmien il-jasar kolonjali Ingliż. Hemm fih xewqa kbira għall-ħelsien mill-ħakma barranija, u llum din tagħtih siwi storiku. Il-moviment għall-jeddijiet kostituzzjonali li seħħ fi żmienu huwa marbut ġmielu mal-ġlieda għall-ilsien Malti ta' dawk is-snin. Kienet sewwa sew din il-konċentrazzjoni fuq il-qagħda mwiegħra tal-gżira li għenitu jogħla fil-fama (u miegħu għola l-Malti), u jsir wieħed mill-ftit li kienu jafu xi jridu bin-nazzjonaliżmu tagħhom. Meta Laurent Ropa fl-artiklu tiegħu "Malte et sa litterature" ("La Grande Revue", Pariġi, Nov., 1935) sejjaħlu "poeta nazzjonali" għall-ewwel darba, f'moħħu kellu l-"Għanja tar-Rebħa", waħda mill-għajtiet feroċi ta' poeta ta' nazzjon. Madankollu, qabel l-1935, il-fama tiegħu kienet ilha li xterdet ġmielha. Kien ilu jiffirma b'ismu biss mill-1917 (ara "Il-Għanja ta' Mejju", imxandra f'"Il-Ħabib", 29 ta' Mejju, 1917), waqt li fil-"Malta Chronicle' tas-6 t'April, 1931 (paġ. 18) wieħed korrispondent kiteb ittra u kien diġa' sejjaħ lil Dun Karm' Poet Laureate of Malta".

Dan seħħ fl-imgħoddi. Fil-kuntest ta' issa, bejn il-poeta u Malta hemm relazzjoni storika ta' bejn Malta qadima, kolonjali, servili bla edukazzjoni, konservattiva, u Malta ġdida ta' wara l-Indipendenza, ħielsa u b'moħħ ftit jew wisq miftuħ.

Fuq naħa, bħala bażi ta' din ir-relazzjoni, hemm Malta l-qadima fi żmien il-ħakma Ingliża: l-għażla tal-klassi bejn il-fqar u l-għonja kienet qawwija ħafna; madwar 75 fil-mija tal-poplu ma kinux jafu jaqraw u jiktbu, lanqas bil-Malti, waqt li l-ogħla istituzzjonijiet ma kinux favur il-qawmien ta' lsien il-poplu; l-għadd tat-trabi li kienu jmutu fit-twelid kien madwar waħda minn kull tlieta; l-ilsien Malti kien meqjus bħala fanatiku jew ras sħuna. Fil-"Malta" tad-29 ta' Settembru, 1934, fl-artiklu twil "La Zecca che non l-'azzecca", kollu fuq Dun Karm, xi ħadd "Pidi" kiteb hekk, fost ħwejjeġ oħra, lill-poeta: "Ella ignora certamen-

te che la lingua maltese' venne inventata' proprio dai missionari protestanti con lo scopo preciso di strappare i Maltesi a Roma, per poterli meglio protestantizzare..." In-nuqqas ta' ftehim u apprezzament li jeħtieġ kull artist mhux biss kien qawwi iżda kien mibni fuq preġudizzji lingwistiċi, etniċi u reliġjużi. Fil-qagħda tiegħu, Dun Karm ma setax jaħseb u jikteb li jrid. Iżda l-viżjoni ta' Malta ħielsa kienet u baqgħet f'moħħu matul ħajtu kollha.

F dan is-sens, huwa kien xortih tajba ħafna: għex fi żminijiet meta t-taħwid politiku u kulturali, in-nuqqas ta' sens nazzjonali u l-ħtieġa ta' filosfi ta' Malta Maltija kienu jeħtieġu lil xi ħadd li jfisser il-ħelsien politiku u morali li l-poplu Malti kien qiegħed ifittex. L-ispirazzjoni tiegħu seta' jeħodha minn kull fejn idawwar ħarstu, ibda mis-snajja' tar-raħħala, minsija u mhux apprezzati mill-ħakkiema barranin, u spiċċa fl-isforzi magħquda ta' l-aħjar imħuh biex tinkiseb l-awtonomija. Barra l-gwerer tad-dinja, l-aqwa ġrajja, wara l-għoti tal-kostituzzjoni fl-1921, hija l-irvell tal-Maltin fil-Belt fis-7 ta' Ġunju, 1919, meta mietu sitt Maltin u Malta waqgħet fi stat ta' emerġenza. Għalkemm dwar iż-żewġ ġrajjiet, l-iżjed din ta' l-aħħar li seħħet fit-toroq stess tal-Belt fejn kien igħammar il-poeta dik il-ħabta, Dun Karm żamm skiet sħiħ, l-impressjoni u r-rejazzjoni baqgħu f'moħħu, qawwija biżżejjed biex aktar 'il quddiem bena l-aqwa poeżiji tiegħu fuqhom.

Fi żmienu, it-taqlib soċjali u politiku ġiegħel il-poplu ġwejjed tagħna jħoss il-ħtieġa li jfittex idolu nazzjonali li, mingħajr tilwim partitarju u motivi oħra, isejjaħ lin-nazzjon għall-għaqda. Fi żmienna, naraw id-differenza bejn il-Malta ta' dawk is-snin imwiegħra u l-Malta ta' llum, b'tibdil politiku kbir. Ir-rabtiet li hemm bejn Dun Karm u aħna mhumiex letterarji biss, iżda nazzjonali, marbuta ma' l-aqwa snin ta' dan is-seklu fi gżiritna, u forsi wkoll ma' l-aqwa snin ta' l-istorja tagħna kollha, għaliex juru x'għamilna aħna u mhux x'għamel ħaddieħor għalina.

F'Dun Karm, li nesa lilu nnifsu u ħaddan lil Malta tiegħu, hemm ir-ruħ ta' nazzjon sħiħ. Fil-qrib tiegħu hemm il-krib ta' missirijietna li tħabtu għall-ħelsien u l-għixien taħt ħakma kolonjali bla jeddijiet. Fil-kburija tiegħu hemm il-kobor tal-ġrajja tal-Maltin ta' qabilna li bħalna emmnu fil-ħelsien u l-ugwaljanza. Fil-għajjat poetiku tiegħu bħala poeta nazzjonali hemm l-għajta magħquda tagħna lkoll, ċittadini li nafu ngħollu rasna 'l fuq u niftaħru li aħna Maltin, bla għajb, bla mistħija, bi ftaħir ġust. Dan hu l-messaġġ ta' poeta bħal Dun Karm li għandu l-qawwa jegħleb l-egħluq ta' żmienu biex jikseb tifsira universali li tagħtih siwi mhux biss fi żmienu, iżda dejjem, u mhux biss fil-letteratura, iżda wkoll fil-filosofija tagħna ta' Malta ħielsa.